MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 80/2008

**Charles Grech & Co Ltd (C - 2473)**

**-vs-**

**Noel Debono**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet lill-konvenut ihallas is-somma ta' sitt mija u ghaxar Euro u sebgha u tmenin centezmu (€610.87c) - (Lm262.25c) liema somma tirrapprezenta merkanzija mibjugha u kkonsenjata. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mill-21 ta' Gunju, 2006 sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' sitt mija u ghaxar Euro u sebgha u tmenin centezmu (€610.87c) - (Lm262.25c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------